


Josef Azzopardi - Viċi Sindku

## 'Necropolis' fl-Għolja tal-Ġiżwiti

L-art tal-Marsa hija art li minnha kienu jiżbokkaw żewġ widien prinċipali: Wied is-Sewda u Wied il-Kbir. Il-ħamrija f'dawn l-inħawi kienet waħda fertili ħafna minħabba li b'mod naturali l-widien ikaxkru magħhom ħafna ħamrija u sustanzi li jiġu ddepożitati fl-inħawi l-aktar baxxi tal-widien. Irridu nimmaġinaw żmien meta l-Marsa ma kinitx teżisti kif nafuha llum. Irridu naħsbu f'Marsa agrikola, f'Marsa port fejn jistkennu x-xwieni u fejn il-ħut kien jgħix u jitma' lill-familji li għexu f'dawn l-inħawi. Irridu nimmaġinaw żmien fejn il-portijiet kienu mingħajr fortifikazzjoni u b'mod naturali l-Marsa kienet l-aktar post komdu biex, filwaqt li n-nies tal-passat isibu l-għajxien tagħhom, fl-istess ħin jgħassu f'każ li xi għadu jkun riesaq lejhom. Minbarra l-baħar u l-għelieqi li kienu jipprovdu l-ikel, l-ilma tal-widien li kien jieqaf fil-Marsa kien vitali għall-għajxien tal-antenati tagħna. Tant kien hawn ilma ħelu li anki meta kien hawn il-Kavallieri f'Malta u qabel bnew l-akwadott, kienu jintbagħtu dgħajjes kuljum iġibu l-ilma biex jeħduh fil-Birgu u fil-Belt Valletta għax belt bla ilma hija belt mejta.

L-Għolja tal-Ġiżwiti u l-għoljiet ta' Kordin kienu postijiet strateġikament tajbin u fihom għexu l-antenati tagħna. Fil-fatt fuq l-għolja ta' Kordin instabu tliet strutturi jew tempji Neolitiċi. Ħafna mill-fdalijiet li nstabu f'dawn l-inħawi kellhom jitneħħew minħabba l-progress. Fil-fatt, waqt li fl-1860 kien qed jitħaffer Portu Novu, il-kuntrattur is-Sur Gabrielli kien ilmenta għaliex beda jsib blokok ta' ġebel kbir fil-qiegħ tal-baħar. Ma nafux eżatt x'kienu dawn il-blokok iżda jidher li fihom instabet il-pozzolana. Dan juri li xi ġebel vulkaniku jew materjal minnu nġieb hawn, wisq probabbli mir-Rumani, u li xi strutturi Rumani kien hawn żgur. Waqt dan ix-xogħol is-Sur Gabrielli talab biex jingħata somma enormi għal dak iż-żmien, dik ta' bejn £2,000 u £3,000, biex tagħmel tajjeb għax-xogħol li kien qed jiswieh biex ineħħi l-blokok li kien qed isib fil-qiegħ tal-baħar. L-ammont kbir li kien qed jitlob il-kuntrattur juri li l-ammont ta' fdalijiet li nstabu żgur kien kbir.

*ikompli f'paġna 132*




Kien żmien meta l-Gvernatur Le Merchant induna li ġaladarba kien se jinfetaħ il-Kanal ta' Swejz fl-Eġittu, allura Malta kienet se ssib postha f'nofs rotta bejn l-Ingilterra u l-Indja. Ix-xogħol kien se jiżdied ħafna u fil-fatt beda jkabbar il-baċir u wessa' Porto Novu. Kien f'dawn iċ-ċirkostanzi li bdew jinstabu l-fdalijiet Rumani.

Il-kittieba, fi żmien il-Kavallieri, kitbu dwar tempju Ruman li kien hawn fil-port. Il-post mhux identifikat u ħadd ma jaf eżatt fejn kien. Li hu żgur li ħafna fdalijiet ta' rħam u bċejjeċ oħra nstabu fil-Marsa. Forsi tkaxkru jew inkella t-tempju ta' Juno kien proprju fil-Marsa li kienet port sħiħ. Juno hija alla mara Rumana meqjusa bħala r-reġina tal-allat u marbuta wkoll mal-gwerra.

Fl-1874 instab post ta' dfin Ruman fl-Għolja tal-Ġiżwiti li jmur lura sat-tieni jew it-tielet seklu wara Kristu. Fih instabu madwar 50 qabar f'dak li jissejjaħ *necropolis*. Il-kelma *polis* tfisser belt u *necro* hija l-mewt jew mejtin. *Necropolis* allura hija l-belt tal-mewt u din bosta drabi kienet tkun 'il barra minn xi belt jew villaġġ. Dawn għadna nistgħu narawhom illum fil-katakombi li hemm imxerrdin mar-Rabat li fihom kienu jidfnu r-Rumani meta l-belt Melita kienet tasal sal-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat. Fil-fatt il-katakombi jinsabu f'żona *necropolis* li kienet tiġi barra l-belt Melita (illum l-Imdina).

Interessanti huwa l-fatt li Dr Timothy Gambin isemmi li nstabu ġarar fil-katakombi tal-Marsa magħrufa bħala *dolia* u li dawn kienu jintużaw b'mod komuni biex ipoġġu l-affarijiet fihom. Fil-katakombi tal-Marsa nstab dfin f'dawn il-ġarar fejn il-katavru kien jitpoġġa ġo ġarra li tingħalaq b'oħra tħares wiċċ imb wiċċ magħha.

Skont l-istudjuż Mario Buhagiar, il-katakombi tal-Marsa setgħu kienu katakombi komunitarji u mhux sempliċiment ta' xi familja waħda li tkun għanja. Skrizzjoni bil-Grieg li nstabet





fil-katakombi tal-Marsa tmur lura sas-seklu ħamsa wara Kristu u tgħid li dan iċ-ċimiterju kien mixtri minn Zosimetis u Anicetos li wisq probabbli saru l-propjetarji tiegħu.

Il-katakombi kienu ċimiterji taħt l-art li ntużaw mill-insara, mill-pagani u anki minn reliġjonijiet oħra. Fil-katakombi mħaffrin taħt l-art ikun hemm passaġġi u kmamar bil-postijiet fejn il-midfun ikollu fejn jitpoġġa. Dawk li jidħlu jidfnu lill-mejtin kienu jieħdu magħhom l-imsiebaħ minħabba n-nuqqas ta' dawl f'dan il-post. Hemm isfel stess, madwar ġebla tonda u ċatta mqattgħa mill-istess blat, il-familjari tal-mejjet kienu jieklu flimkien u bħal jiċċelebraw il-mewt tal-persuna. Il-mejda hija magħrufa bl-isem Grieg *agape* li tfisser imħabba, imħabba sinċiera li hija riservata għal Alla.

L-istoriku Ġan Franġisk Abela li kellu d-dar tiegħu flimkien ma' kappella ddedikata lill-Anġlu Kustodju fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti, kien spiss jieħu xi ħbieb iduru l-katakombi tal-Marsa. Minkejja li xi nies kienu jieħdu gost iżuruhom biex jitgħallmu l-istorja, kellek oħrajn li l-uniku interess tagħhom kien li jsibu xi dehbijiet.

Wara li tkun qrajt din l-informazzjoni żgur li taqbdek kurżità biex tara dan is-sit però f'isem il-progress wisq probabbli li *n-necropolis* spiċċat bit-tħaffir tal-Power Station. Il-ħsieb tal-artiklu huwa li din il-memorja u l-informazzjoni li għandna jibqgħu għaddejjin minn ġenerazzjoni għall-oħra biex inkunu kburin b'dak li kellna fil-Marsa.

---

L-artiklu huwa bbażat fuq ir-riċerka ta' Dr Timothy Gambin: *Archeological discoveries at Marsa over the centuries,* ippubblikata fil-ġurnal *Malta Archeological Review – Issue 7, 2004-2005.*